# ID-DAWL

DIĊEMBRU 2022 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 60

## "L-ilbies tal-ġustizzja u t-tjieba huwa l-aħjar."



Il-Fratellanza | Il-Libsa s-Sewwa | Ħampers ta' Rigali | L-Għan tal-Qima

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# IL-FRATELLANZA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Il-fratellanza u s-solidarjetà huma valuri mill-isbaħ. Imma xi jfissru dawn iż-żewġ kelmiet sbieħ? Dawn ifissru li għandna dejjem inkunu lesti biex ngħinu lill-oħrajn u nuru qalb tajba ma' kulħadd kif nuru mal-membri tal-familja u l-qraba tagħna. Huwa minnu u, kif jgħidu *charity begins at home*, li l-fratellanza u s-solidarjetà jibdew mid-dar, imma ċ-ċirku tagħhom mhuwiex limitat sad-dar, imma dawn huma valuri li m'għandhom l-ebda fruntieri, ħitan u limiti.

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya jgħid li, iċ-ċirku ta' dawk li lilhom trid tintwera l-qalb tajba, huwa vast ħafna. L-ebda nies jew individwi m'għandhom jiġu esklużi. Ma ngħidlekx, bħall-poplu injorant ta' din l-età, biex tillimita l-qalb tajba tiegħek mal-Musulmani, jew man-nies ta' fidi partikolari.

Le! Jien ngħid li trid tkun qalbek tajba mal-Ħlejjaq kollha ta' Alla, ikun min ikun, jew ikun xi jkun, kemm jekk Ħindu, Nisrani jew Musulman, jew xi ħadd ieħor. Qatt ma jogħġobni d-diskors ta' nies bħal dawn li jfittxu li jillimitaw il-qalb tajba għal tagħhom. Kemm-il darba għedt li qatt m'għandek tagħmel iċ-ċirku tiegħek inqas jew iqsar jew tillimita t-turija ta' qalb tajba u l-fratellanza tiegħek.

## ID-DAWL

DIĊEMBRU 2022 – Numru 60
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

Brotherhood 02
The Right Dress 03
The True Purity 03
Gift Hampers 04
Purpose of Worship 06

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Leolintang | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IL-LIBSA S-SEWWA

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

"***Libasu-Taqwa*** – il-libsa tas-sewwa hi terminu tal-Koran Imqaddes. Din turi li s-sbuħija spiritwali u t-tiżjin spiritwali tistgħu takkwistawhom biss bis-sewwa.

**Is-sewwa tfisser** li bniedem għandu, bl-akbar ħila tiegħu, jaqdi r-responsabbiltajiet li għandhom x'jaqsmu mal-kapaċitajiet u l-patt ta' fidi ma' Alla bħala fiduċja sagra.

Għandu wkoll iqis sew x'obbligazzjonijiet għandu ma' sħabu l-bnedmin u ma' dak kollu maħluq minn Alla bħala fiduċja imposta fuqu. Hu għandu jimxi fit-triq tas-sewwa sal-inqas dettall skont l-akbar ħila tiegħu." (*Ruhani Khazain* V. 21, p. 210)

# IL-PUREZZA VERA

"**Huwa xieraq li intom tissimpatizzaw mal-oħrajn** u li tippurifikaw lilkom infuskom sabiex intom tkunu tistgħu tieħdu sehem sa ċertu grad mill-kwalitajiet tal-Ispirtu Qaddis. Ftakru li mingħajr l-Ispirtu Qaddis ma tistgħux takkwistaw il-purezza vera.

Warrbu għalkollox ix-xewqat bażiċi annimaleski li qegħdin ġewwa fikom, u segwu t-triq tal-kuntentizza ta' Alla, għalkemm hi l-idjaq u l-iktar diffiċli minnhom kollha. Titgħaxxqux bil-pjaċiri tad-dinja, għaliex jeħdukom 'il bogħod minn Alla.

**Dik it-tbatija li togħġob lil Alla hi aħjar** mill-pjaċir li ma jogħġbUx. Dik it-telfa li togħġob lil Alla hi aħjar mir-rebħa li trebbaħkom il-korla Tiegħu. Aħarbu dik l-imħabba li tressaqkom lejn l-għadab ta' Alla.

Jekk tersqu Lejh b'qalb safja, Hu jgħinkom b'kull mod u l-ebda għadu ma jkun jista' jagħmlilkom ħsara." (*Ruhani Khazain* V. 20, p. 307)

# ĦAMPERS TA' RIGALI

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana għal darb'oħra wriet ġest ta' solidarjetà u mħabba lejn is-soċjetà u lil dawk fil-bżonn, jew għaddejjin minn xi fażi diffiċli ta' ħajjithom. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana żaret erba' ċentri u djar u estendiet idha ta' fratellanza u solidarjetà; u ppreżentalhom ħampers ta' rigali, ċikkulati u ħelu tal-festi.




## KOMUNITÀ SANTA MARIJA

Rappreżentanti tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana ppreżentaw b'donazzjoni għadd ta' panettone u ċikkulatini lill-Komunità Santa Marija fi ħdan Sedqa Malta. Dawn ġew ippreżentati lill-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), is-Sur Alfred Grixti, u d-Direttur tal-Operat is-Sur Charles Scerri, mill-Imam Laiq Ahmed Atif, president tal-Komunità Ahmadiyya.



## ID-DAR TAL-PROVIDENZA

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta tippreżenta l-ħampers bħala rigal sabiex jitqassmu fost ir-residenti tad-Dar tal-Providenza.




## SAN BLAS, CARITAS MALTA

Il-President u l-membri tal-Komunità Ahmadiyya żaru lir-residenti li jinsabu San Blas, Caritas Malta u ferraħhom b'xi 92 ħamper u kaxxa taċ-ċikkulata. Dawn ġew ippreżentati lid-direttur ta' Caritas Malta, is-Sur Anthony Gatt, mill-Imam Laiq Ahmed Atif, president tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana u l-membri tagħha.

## FONDAZZJONI SEBĦ

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta żaret Fondazzjoni Sebħ u ppreżentat xi ħamsin kaxxa taċ-ċikkulata tal-festi għat-tfal, l-istaff u r-residenti ta' din id-dar.



# L-GĦAN TAL-QIMA

## It-Talb inaddaf l-impuritajiet

Fil-qosor, it-talb huwa l-eliżir li jibdel koċċ trab f'deheb pur. Huwa l-ilma li jnaddaf l-impuritajiet ġewwiena. B'dan it-talb l-ispirtu jdub u jiġri bħall-ilma biex jintefa' mimdud fuq l-għatba ta' Dak li hu Qaddis. Jieqaf quddiem il-preżenza ta' Alla, ibaxxi rasu u jimtedd Quddiemu. Is-*Salat* (it-Talb) imgħallma mill-Iżlam huma biss riflessjoni tiegħu. Il-waqfien tal-ispirtu jfisser li hu lest biex isofri minn kull sofferenza u li jobdi kull amar f'isem Alla.

Il-prostrazzjoni tal-ispirtu quddiem Alla tfisser li, biċ-ċaħda tal-imħabba u relazzjonijiet oħra, l-ispirtu dar lejn Alla u ta lilu nnifsu Lilu biss. B'din il-prostrazzjoni tal-ispirtu li sseħħ fuq l-għatba ta' Alla, u li biha huwa jkun abbanduna l-ħsibijiet personali tiegħu, l-ispirtu jitlef l-identità proprja tal-eżistenza tiegħu. Din hija t-talba li tgħin biex tistabbilixxi l-għaqda ma' Alla, u din hija t-talba li x-Xarija Iżlamika għażlet mit-talb ta' kuljum tas-*Salat* ħalli t-talb fiżiku jispira t-talb spiritwali.

## Il-ġisem u l-ispirtu

Alla l-Omnipotenti sawwar lill-bniedem b'tali mod li l-ispirtu jinfluwenza l-ġisem u l-ġisem fl-istess ħin jinfluwenza l-ispirtu. Meta l-ispirtu jħossu mdejjaq, l-għajnejn idemmgħu; u meta l-ispirtu jħossu kuntent, il-wiċċ jilma bil-ferħ, u wieħed anki jħoss li jkun irid jidħaq. Bl-istess mod, meta l-ġisem ikun maħkum bl-uġigħ jew bid-dwejjaq, l-ispirtu wkoll iħoss is-sofferenza. Meta żiffa friska tagħti l-ħajja lill-ġisem l-ispirtu jħossha wkoll.

B'hekk, l-għan tal-qima huwa li, bis-saħħa tar-relazzjoni reċiproka bejn il-ġisem u l-ispirtu, l-ispirtu jista' joqrob lejn Dak li hu Qaddis u jinvolvi ruħu f'waqfien u f'medd spiritwali. Minħabba li l-bniedem irid iħabrek għall-progress, dan it-talb ukoll isir tip ta' tħabrik. Huwa pjuttost evidenti li meta żewġ affarijiet ikunu marbuta ma' xulxin u mmissu wieħed minnhom, l-oġġett l-ieħor jiċċaqlaq ukoll.

Iżda l-waqfien, il-medd u l-prostrazzjoni b'mod fiżiku fihom infushom m'għandhomx preġju jekk sforz ma jsirx biex l-ispirtu wkoll ikun involut f'dawn il-movimenti ta' *Qiyam*, *Ruku* u *Sajdah* [pożizzjonijiet differenti waqt it-talb].

## Il-ħajja fil-mogħdija ta' Alla

Dan l-involviment jiddependi mill-għarfien veru li hu wkoll jiddependi mill-grazzja Divina. Minn mindu Alla ħalaq lill-bniedem Huwa għamilha dritt tiegħu li, bis-saħħa tal-grazzja Tiegħu biss, Huwa jbierek bl-Ispirtu Qaddis Tiegħu lil kull min jixtieq Hu. Imbagħad, bis-saħħa tal-Ispirtu Qaddis, huwa jdaħħal l-imħabba Tiegħu f'dik il-persuna, jikkonċedilu l-verità u l-perseveranza, isaħħaħlu l-għarfien tiegħu b'diversi sinjali u jwarrablu d-dgħufijiet tiegħu sakemm ikun prattikament lest biex jerħi ħajtu stess fil-mogħdija Tiegħu.

Huwa jistabbilixxi din ir-relazzjoni soda mal-Esseri Etern, ħalli l-ebda traġedja ma teqred u l-ebda xabla ma tferi, għaliex din l-imħabba la hija msejsa fuq motivi temporanji u lanqas assoċjata max-xenqa għall-ġenna jew il-biża' mill-infern, u lanqas għandha x'taqsam mal-kumditajiet dinjin, u aktar u aktar, mal-għana u r-rikkezzi. Pjuttost din hija relazzjoni li jagħrafha biss Alla.

## Żewġ imħabbiet

Dak li jidher aktar stramb huwa li l-ilsir ta' din l-imħabba ma jkunx jista' jifhem in-natura vera ta' din ir-relazzjoni u lanqas jifhem ir-raġunijiet warajha għax din hija relazzjoni bla fini ta' żmien. Mhijiex ibbażata fuq l-għarfien u l-fehim spiritwali, għax dawk jiġu biss wara biex idawlu r-relazzjoni. Hija bħal nar li jinsab ġewwa ġebla iżda x-xrar jidher biss meta din tinħakk.

**Persuna bħal din, minn naħa, ikollha mħabba personali lejn Alla l-Omnipotenti u, minn naħa oħra, ikollha simpatija u xewqa enormi għar-riforma tal-umanità.**

Għal din ir-raġuni, mhux biss tgawdi relazzjoni mad-Divin li l-ħin kollu tressaqha lejn Alla, iżda jkollha wkoll relazzjoni mal-umanità li tattira l-erwieħ imħeġġa tagħhom lejha. Hija bħax-Xemx li tiġbed is-saffi tal-art lejha u mbagħad hija stess tinġibed f'direzzjoni oħra.

**L-istess jiġri lil dawk in-nies li, f'terminoloġija Iżlamika, jissejħu *Nabi* (Profeta), *Rasul* (Messaġġier) u *Muħaddas* (wieħed li hu mbierek bit-taħdit Divin).** Huma mbierka bil-komunikazzjoni u d-diskors qaddis u Divin, iseħħu l-mirakli f'idejhom, ħafna mit-talb tagħhom jinstema', u Alla l-Omnipotenti ħafna drabi jinfurmahom bl-aċċettazzjoni tat-talb tagħhom.

(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, *Ruhani Khazain* V. 20, p. 223-225)

# IL-FESTIVAL TAL-KTIEB







Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana pparteċipat fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb li ttella' bejn it-23 u s-27 ta' Novembru 2022 fl-MFCC, Ta' Qali. Biex issir taf aktar dwar il-pubblikazzjonijiet tagħna jekk jogħġbok żur il-websajt tagħna **www.ahmadiyya.mt**, jew ikteb lilna, **amjmalta@gmail.com**.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**